MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Rikors Ta Revoka Numru. 123/2006

Rosie **LEHNER**

vs

Ian **PAĊE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Ian Paċe fis-6 ta’ April, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (a) tħassar għal kollox il-Mandat ta’ Sekwestru hawn fuq imsemmi maħruġ kontrih fil-11 ta’ Jannar, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) tikkundanna lill-intimata Rosie Lehner (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutanti”) tħallsu penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi; u (ċ) li torbot lill-eżekutanti li tressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi fiż-żmien u fis-somma li jogħġobha tistabilixxi l-Qorti, fin-nuqqas ta’ tressiq ta’ liema garanzija, l-Mandat għandu jitħassar;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ April, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti bi żmien biex tressaq it-Tweġiba tagħha u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tad-19 ta’ April, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fit-3 ta’ Mejju, 2006, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex xi waħda minn dawk it-talbiet imissha tintlaqa’, l-iżjed għaliex l-istess ilmenti li qiegħed iqajjem f’din il-proċedura kien diġa’ semmihom qabel u kienu ġew argumentati quddiem il-Qorti li ordnat il-ħruġ tal-Mandat. Iżżid tgħid li l-bdil waħdieni fiċ-ċirkostanzi li seħħ wara li kien inħareġ il-Mandat ma kienx bdil fiċ-ċirkostanzi ta’ bejn il-partijiet, imma f’ċirkostanza ma’ terzi (d-Dipartiment tat-Taxxi Interni) li kien l-eżekutat innifsu li ġab b’idejh. Dan minbarra li l-eżekutat għandu ġid ieħor li minnu jista’ jissalda l-pretensjonijiet tal-imsemmi Dipartiment u li mh huwiex milqut bl-effetti tal-Mandat;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutat fis-6 ta’ April, 2006, bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat l-atti tar-Rikors, tal-mandat li għalih jirreferi u tal-atti tar-Rikors Numru 122/06JRM li nstema’ miegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta’ Ġunju, 2006, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrent eżekutat irid li l-Qorti ssib li Mandat ta’ Inibizzjoni maħruġ kontrih minn martu l-eżekutanti jitħassar għal kollox għaliex m’huwiex raġonevoli li l-istess Mandat jinżamm aktar fis-seħħ. Irid ukoll li, f’każ li l-Qorti ma tilqax dik it-talba, l-eżekutanti martu tkun kundannata tħallas penali u tressaq garanzija kif mitlub mil-liġi, u jekk kemm-il darba tonqos, l-Qorti tiddikjara li l-Mandat jitħassar;

Illi l-intimata eżekutanti tilqa’ għal dawn it-talbiet billi tgħid li l-Mandat inħareġ sewwa u ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex il-Qorti għandha tilqa’ xi waħda mit-talbiet tal-eżekutat. Iżżid tgħid ukoll li hija kellha kull jedd li toħroġ dak il-Mandat u oħrajn miegħu biex tkun tista’ tħares il-jeddijiet

tagħha fil-proċeduri li hija bdiet għall-firda personali minn ma' żewġha r-rikorrent;

Illi minħabba li l-kawżali tal-eżekutat f'dan ir-rikors jixbhu għal kollox dawk minnu magħmulin f'rikors ieħor li huwa kien ressaq fir-rigward ta' Mandat ta' Inibizzjoni ieħor maħruġ kontrih fl-istess jum mill-istess eżekutanti[1], dwar liema talbiet din il-Qorti tat il-provvediment illum ukoll[2], il-Qorti qiegħda tirreferi għall-motivazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet biex ma toqgħodx tirrepeti ruħha, ladarba jgħoddu għal dan il-każ ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu billi ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrent;

**Tawtorizza** lir-rikorrent biex **jirtira mill-atti** d-dokumenti klassifikati li huwa ressaq *animo ritirandi* flimkien man-Nota separata tiegħu tas-6 ta' April, 2006[3].

## < Sentenza Finali >

[1] Inib. 202/05GC milqugħ ukoll fil-11 ta' Jannar, 2006
[2] Rik. Nru. 122/06JRM
[3] Paġġ. 7 tal-atti

---------------------------------TMIEM---------------------------------